KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 57**

**It-Tnejn 14 ta' Novembru, 2022**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa, l-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: *Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa*, fil-17:30h.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsillier *(online)* |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Joseph Baldacchino | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsillier |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFICJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Hadd

## 57.01 Qari tal-ittri t'Apoloġiji

**57.01.01** Il-Kunsillier Joseph Baldacchino bagħat sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-llum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**57.01.02** Il-Kunsilliera Doriana Portelli bagħatet sabiex tiġi skużata mis-seduta tal-llum minħabba impenji ta' xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**57.01.03** Il-Kunsillier Johann Borg bagħat sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-llum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**57.01.04** Il-Kunsillier Carlo Stivala bagħat sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-llum minħabba impenji ta' xogħol. Is-Sindku Scott Camilleri talab lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat sabiex jiċċekja u jiġbor l-informazzjoni dwar kemm ilu ma jattendi għas-seduti l-Kunsillier Carlo Stivala. Talbu wkoll sabiex jibgħat jinforma lill-Kunsillier sabiex jagħti spegazzjoni lill-Kunsill Lokali għalfejn mhux jattendi għal dawn l-aħħar seduti. Il-Kunsilliera preżenti qablu li l-ittra t'apoloġija ma tkunx aċċettata u għalhekk jiġi mniżżel bħala assenti.

## 57.02 Approvazjoni tal-minuti (Seduta 56)

**57.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet fuq il-minuti tas-Seduta 56.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana u sekondat mill-Viċi Sindku Josette Busuttil, l-minuti ġew approvati unnanimament.

## 57.03 *Arising* mill-minuti (Seduta 56)

**57.03.01** Is-Sindku Scott Camilleri informa lill-Kunsilliera li rċivejna r-rapport tal-*health and safety* dwar l-attività tat-*Tough Mudder* u qegħdin nistennew l-*engineering report* fejn għandu jiċċertifika li l-istrutturi li ser jintużaw ikunu siguri u fejn il-Kunsill Lokali ma jkunx responsabbli jekk jinqala xi inċident.

## 57.04 Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet

**57.04.01** *Sinjali tal-perspex għas-sala tal-Kunsill:* Kien hemm talba għal 3 kwotazzjonijiet u ġiet magħżula l-kwotazzjoni (A) numru 1 għall-prezz ta' €191.

**57.04.02** *Noticeboard għall-faċċata tal-Kunsill:* Kien hemm talba għal 4 kwotazzjonijiet fejn irrispondew lura 2. Mit-tnejn li rrispondew, ġiet magħżula l-kwotazzjoni (A) għal prezz ta' €342.20.

**57.04.03** *Aluminium nets għall-uffiċini t'isfel:* Kien hemm talba għal 3 kwotazzjonijiet u ġiet magħżula l-kwotazzjoni (A) għall-prezz ta' €410.

**57.04.04** *Żbir ta' siġar fl-iskola primarja u l-housing estate:* Kien hemm talba għal 3 kwotazzjonijiet. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ilmentat għalfejn ser isir żbir ta' siġar fl-iskola meta suppost li jsir mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u staqsiet jekk dan ix-xogħol jaqgħax fir-resposabbilità tal-kuntrattur li għandu kuntratt tal-ġonna. Il-Kunsilliera Maria Mifsud irrispondiet li s-siġar fl-iskola u l-*housing estate* ma' jaqgħux taħt il-kuntratt tal-ġonna. Is-Sindku Scott Camilleri sostna li l-iskola tipprovdi lill-Kunsill ħafna għajnuna matul is-sena fosthom sabiex nużaw ħafna mil-*premises* tagħha u għalhekk għandhom jinżabbru minn naħa tal-Kunsill. Il-Kunsillier Alex Caruana avża, li minħabba l-invażżjoni tal-*hornets*, fuq is-suġġeriment tal-*pest controller*, dment li dawn is-siġar jibqgħu ma' jinżabrux il-*hornets* mhux ser jiġu ikkontrollati, għad-detriment tar-residenti u t-tfal tal-iskola. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat għamila ċara li dawn is-siġar sejrin jinżabbru għas-spejjeż tal-Kunsill għax hemm periklu għar-residenti u t-tfal u ma jfissirx li din ser tkun regola li siġar mħawwlin fi propjetà privata iridu inżabbru mill-Kunsill u li jkollom il-frieghi ħerġin fuq il-bankina. Il-maġġorannza tal-Kunsilliera għażlu l-kwotazzjoni (B) għaż-żbir ta' siġar bil-prezz ta' €45 mingħajr l-użu ta' *cherry picker* u €95 bl-użu taċ-*cherry picker*. Is-Sindku Scott Camilleri talab lil-Kunsilliera Maria Mifsud biex tagħmel rendikont ta' kemm hemm siġar x'jinżabru biex tiġi kkalkulata l-ispiza qabel ma' jsir ix-xogħol u bl-liema kwotazzjoni se tkun qed tiġi applikabli fuq kull siġra.

**57.04.05** *Bnadar żgħar tal-istandardi:* Kien hemm talba għal 4 kwotazzjonijiet fejn irrisponda *supplier* wieħed. Peress li l-ammont tal-kwotazzjoni kienet tammonta għal €1,773.80, l-Kunsilliera presenti qablu li jinġabru aktar kwotazzjonijiet.

**57.04.06** *Trinnek u xogħlijiet ta' tqattieħ għall-fanli dekorattivi għal Misraħ San Ġorġ Preca:* Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li jsir dan ix-xogħol għall-prezz ta' €5,858.70, mingħand il-kuntrattur li diġa għandna l-kuntratt miegħu tad-dawl.

**57.04.07** *Trinka u bdil ta'pajp tad-dawl tat-toroq ġewwa Bengħajsa:* Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li jsir dan ix-xogħol għall-prezz ta' €153.40, mingħand il-kuntrattur li diġa għandna l-kuntratt miegħu tad-dawl.

**57.04.08** *Servizz għall-fotografija għalll-attività Milied fil-Pjazza:* Kien hemm talba għal 3 kwotazzjonijiet u ġiet magħżula l-kwotazzjoni (A) għall-prezz ta' €65 għal kull ġurnata (02-03-04 ta' Diċembru 2022).

**57.04.09** *Organizzazzjoni u disinn tal-Concerto Di Natale:* Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu mal-kwotazzjoni tal-organizzazzjoni tal-*Concerto Di Natale* għall-prezz ta' €675 u disinn tal-*marketing* għall-prezz ta' €400.

**57.04.10** *Żbir u ħart fis-soft flooring area ma' ġenb Triq L-Għerien:* Kien hemm talba għal 3 kwotazzjonijiet fejn irrisponda *supplier* wieħed. Il-Kunsilliera presenti qablu li x-xogħol għandu jsir mill-persuna li wieġbet, għall-prezz ta' €900.

**57.04.11** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li kien hemm persuna li offra stima li jħaffer *erba' ħofriet għal-percussions equipment* għall-prezz ta' €300, peress li l-ħaddiema li se jwaħħlu dan l-apparat, riedu garanzija ta' minn fejn għaddej id-dawl taħt l-art. Is-Sindku Scott Camilleri qal li dawn jistgħu jiġu inkużi mal-MoU ta' Ġnien il-Kunsill li ser isir mil-PWD.

## 57.05 Skeda ta' Pagamenti u petty cash

*Skeda ta' Pagamenti:*

**57.05.01** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa rigward il-punti 4 u 5 ta' *Measure* 4. Is-Sindku Scott Camilleri spjega li dwarpunt numru 4, is-Segretarju Eżekuttiv preċedenti, kienet fetħet kont mal-Bank Ċentrali fejn kien hemm *issue* li l-flus iridu jiġu ttopjati qabel, liema tranżazzjoni swietna €172.88. Rigward il-punt numru 5, dan huwa l-ħlas lura tal-*part payment* fejn ma kienx utiliżżat il-font biex issir *Measure* 4 u fejn kien hemm dokumenti nieqsa.

**57.05.02** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-punti minn 13 sa 22, li huma id-differenza fl-*invoices* li provda l-kuntrattur tal-*bulky refuse* fejn kien hemm żbalji li ġew ivverifikati.

**57.05.03** Is-Sindku Scott Camilleri ta' spjegazzjoni dwar il-punti 24 u 25, li huma id-differenza fl-*invoices* li provda l-kuntrattur tal-knis fejn kien hemm żbalji li ġew ivverifikati.

**57.05.04** Is-Sindku Scott Camilleri ta' spjegazzjoni dwar il-punt 73 fejn il-kuntrattur tal-*street lighting* għamel xogħol mal-monument ta' Bush u Gorbachov liema xogħol, ma jagħmilx parti mit-*tender* u li kien diskuss u approvat f'seduta preċedenti.

**57.05.05** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa kif il-kont dovut lid-Dimbros marbut max-xogħlijiet tar-rampa li saru fi Pretty Bay mhux inkluż fl-iskeda. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li għad fadal iċ-ċertifikat min-naħa tal-Perit u talab lill-Kunsillier Alex Caruana biex jagħmel kuntatt mal-Perit Luke Portelli biex jibgħatilna ċ-ċertifikat ħalli b'hekk inkunu nistgħu mmexxu għall-pagament.

*Petty Cash:*

**57.05.06** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-*petty cash.*

Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana u sekondat mill-Kunsilliera Maria Mifsud, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu b'vot unnanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-*petty cash*.

## 57.06 Kommunikazzjoni tas-Sindku

**57.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri resaq għall-attenzjoni tal-Kunsilliera dwar l-attendenza għal waqt is-seduti tal-Kunsill. Qal li huwa nġust li qed issir seduta bi *quorum* eżatt, u talab li fejn hu possibli jkun hemm il-maġġoranza tal-Kunsilliera.

**57.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsillier Alex Caruana informaw li bdew jitwaħħlu l-fanali dekortattivi fil-Pjazza ta' Bengħajsa u l-pjan tal-Kunsill huwa li dawn jkunu twaħħlu kollha sal-Festa tal-Kunċizzjoni u li jiġu inawgurati dakinhar tal-Festa.

**57.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar l-*under ground bunker* li jinsab ġewwa Bengħjsa fejn sar kuntatt mal-*Malta Air Civic Services* u laqgħu t-talba tal-Kunsill biex nutilizzaw u niżlu n-nies għal Diċembru u Jannar li ġej, u fejn ikunu jistgħu jiġu organizzati attivitajiet f'dan *Transmitting Station bunker* tat-Tieni Gwerra Dinija. Hu żied jgħid li sar kuntatt mad-Dipartiment tal-*Cleansing* biex isir tindif biex il-post ikun sigur għan nies u sar ukoll kuntatt mal-Għaqda Storja u Kultura biex jorganizzaw attivitajjiet u jiprovdu materjal storiku ħalli għal Diċembru u Jannar in-nies ikun jistgħu jgawdu din l-opra millitari li għandna ġewwa l-lokalità tagħna.

**57.06.04** Is-Sindku Scott Camilleri talab lil Kunsilliera biex nużaw aktar *is-social media* tal-Kunsill Lokali ħalli b'hekk jingħata iżjed *branding* lil l-istess Kunsill.

**57.06.05** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-problema marbuta mar-riħa qawwija tal-ħut. Il-Kunsill tkellem ma' Avukata esperta ambjentali Dr.Claire Bonello li hija persuna wkoll u persistenti fl-aspett ambjentali u li ser tkun qed tgħina biex niġġieldu l-impatt industrjali fuq l-ambjent tal-lokalità. Matul il-laqgħa tkelmu magħha dwar l-impjant tal-ħut, fejn ser tevalwa l-*impact assessment* li ħareġ mil-ERA u l-kundizzjonijiet li bihom il-kumpanija involuta hi marbuta u bdiet il-proċess biex tintbgħat Ittra Ġudizzjarja relatata mal-Konsultazzjoni obbligatorja fil-permess.

**57.06.06** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-problema tad-drenaġġ fejn qal li hu għamel kuntatt mal-Ministru Onor. Miriam Dalli u mad-Direttur tal-ERA u l-entitajiet kollha responsabbli fejn talab biex lkoll nintaqgħu madwar mejda biex tiġi diskussa din il-problema. Il-Vici Sindku Josette Busuttil talbet sabiex wara din il-laqgħa għanda ssir konferenza stampa mill-Kunsill. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li waqt il-laqgħa kienu infurmawna li l-*commissioning* kien se jieħu ġimgħatejn u minn dak iż-żmiem 'l hawn issa għaddew xahrejn.

**57.06.07** Is-Sindku Scott Camilleri qal li kien saret il-laqgħa tas-Sindki, Viċi Sindki u Segretarji Eżekuttivi organizzata mill-AKL fejn hu tkellem dwar l-aspett industrijali tal-lokalità.

**57.06.08** Is-Sindku Scott Camilleri avża li waslet in-*no objection* min-naħa tal-*Education Department* sabiex il-Kunsill ikun jista jipproċedi fuq id-devoluzzjoni tal-art għall-binja tal-Berġa u l-Librerija pubblika. Hu żied jgħid li kien hemm laqgħa ma' persuni li taħtom jaqgħu l-libreriji pubbliċi u qablu li ser ikunu qed jgħinuna fit-tfassil tal-pjanti, etċ. Fil-ġranet li ġejjinser inkunu qed niltaqgħu mal-Perit biex niddiskutu kif ser niproċedu biex sal-aħħar tas-sena nidħlu fil-proċess ta' devoluzzjoni.

**57.06.09** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem ukoll dwar il-laqgħa li saret mal-Ministru Onor.Stefan Zrinzo Azzopardi fejn attendew hu, l-Viċi Sindku Josette Busuttil u l-Kunsilliera Joseph Farrugia u Alex Caruana, fejn ġew aġġornati fuq il-proċess tal-Berġa u kif ser nipproċedu għall-MoU. F'din il-laqgħa tkellmu wkoll dwar l-MoU ta' Ġnien il-Kunsill fiż-żona 'tal-Papa'. Hu ta' ċans lil-Kunsilliera biex jekk iridu jipproponu xi emendi fuq id-*draft* tal-MoU tal-Ġnien sa mhux aktar tard mill-għada f'nofsinhar. Il-Kunsillier Alex Caruana spjega li mill-*Public Works* ser isir *railing* minn livell għall-ieħor u d-dawra kollha tal-Ġnien bil-gradi li jkunu jistgħu jissakru, jiġu nstallati *CCTV cameras,* il-kuntrattur tad-dawl għandu jibdel il-biċċa ta' fuq tal-fanali, ser jinbidlu l-partijiet tal-art li mhux tajbin u jekk ikun hemm il-bżonn, ser isiru xi modifikazzjonijiet fir-rampi. Hu żied jgħid li ser jiġi

rranġat il-ħajt ta' wara, jsir *soft flooring* fejn hemm il-bżonn, jsir *landscaping* fejn hu possibli u tiġi irranġata s-sistema tal-irrigazzjoni. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat issuġġerixxa li jsiru l-cables kollha neċessarji fosthom dawk tal-internet minħabba is-servizz tal-wifi u l-*cameras*. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsillier Alex Caruana meta hi t-*target date* li jkun lest ix-xogħol. Min-naħa tiegħu hu qal li hu previst li jkun lest bejn tlieta u erba' xhur minn meta jkun inbeda ix-xogħol propja u għax bħalissa qed isiru xi xogħlijiet biex naraw eżatt x'hemm bżonn li jsir.

## 57.07 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**57.07.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni u/jew rakkomandazzjonijiet.

## 57.08 Korrispondenza

**57.08.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar *email* mibgħuta mill-Għaqda Sajjieda Dilettanti fejn qed jitolbu li jsir *meter* tad-dawl u ilma għas-spejjeż tal-għaqda inkuż il-konsum. Il-*meter* tad-dawl hu ta' importanza kbira għal membri tal-għaqda minħabba li jixtiequ li jitwaħħlu *cameras* għax in-numru ta' vandaliżmu fuq l-opri tal-baħar qed jikber. Is-Sindku Scott Camilleri qal li qed nistennew minn għand il-Perit biex japplikaw għall-*compliance* mal-PA jew issir applikazzjoni għall-*meter* termporarju.

**57.08.02** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar *email* mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tat-Taekwondo fejn talbu biex tiżdied siegħa għat-taħriġ. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma din it-talba.

**57.08.03** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar *email* mibgħuta mid-diriġenti tal-programm ta' diskussjoni fuq TVM Popolin, fejn talbu biex jinnominaw żewġ persuni mill-lokalità li għandhom xi storja interessanti, kisbu kisbiet notevoli, għandom xi passatemp partikolari. Il-Kunsillliera preżenti proponew lil-Għaqda Storja u Kultura u lis-Sinjura Maureen Amoroso mill-*Girl Guides*.

**57.08.04** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar *email* mibgħuta mingħand mart il-Prim Ministru Dr. Lydia Abela. Hawn talab lill-Viċi Sindku Josette Busuttil titkellem hi fid-dettal dwar din l-inizjattivà. Il-Viċi Sindku qalet, li l-Kunsill ġie mitlub biex jipparteċipa sabiex jinġabru rigali għat-tfal li l-familji jew fil-kustodji tagħhom m'humiex f'qagħda li jixtrulhom rigali tal-Milied u dawn ir-rigali jitpoġġew taħt siġra ġewwa il-pjazza ta' ħdejn Kastilja. Hi żiedet tgħid li hi lesta li tieħu l-inkarigu u tieħu ħsieb il-lokalità ta' Birżebbuġa. Wkoll għal din l-attività, ser tkellem lis-Surmast tal-iskola biex jagħtina permess li fit-13 ta' Diċembru bejn l-10:00h u t-15:00h, ir-residenti jkunu jistgħu jpoġġu rigali taħt waħda mis-siġar ġewwa l-iskola. Hi qalet li għanda l-ħsieb li tibda b'quddiesa, u wara tuża l-palk biex iġġib iż-żeffina f'din l-attività u jkun hemm anke bazaar. Is-Sindku Scott Camilleri qal li għandu nagħmlu target li jinġabru 500 rigal minn ġewwa Birżebbuġa. Il-Kunsilliera preżenti kollha qablu ma' dan il-ġest nobbli.

## 57.09 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**57.09.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat aġġorna lill-Kunsilliera dwar il-proċess tal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid. Hu qal li aħna bħal Kunsilli Lokali kollha ta' Malta rċivejna ittra mill-Qorti dwar Madat t'Inibizzjoni sabiex il-proċess jieqaf għalissa. Din l-ittra waslet ukoll lil diversi individwi u dipartimenti oħra li huma qed jaħdmu fuq dan il-proċess. Hu qal li wara ftit jiem wara l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qalet li se tirrispondi bl-avukat tagħha f'isem il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilliera aċċettaw din il-proposta.

**57.09.02** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat aġġorna dwar l-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv ġdid. Il-*Jobs Plus* bagħtu lista tal-persuna li huma nfurmati sabiex japplikaw għal din is-sejħa. Minn sitta eleġibli applikaw biss 2. Hu talab lil-Kunsilliera li fis-seduta preċedenti kienu magħżula għal board tal-għażla biex insibu ġurnata ħalli jsiru l-*interviews*. Ġiet deċiża d-data tat-Tlieta 22 ta' Novembru fis-18:00h.

**57.09.03** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat talab lil-Kunsilliera preżenti sabiex tiġi deċiża data għall-laqgħa mal-*Malta Freeport* dwar il-kiri tal-*multi story car park* ġewwa Wied il-Buni. Din il-laqgħa ila tiġi posponuta għal ħafna drabi issa. Il-Kunsilliera qablu li l-laqgħa ssir fit-22 ta' Novembru fis-14:30h.

**57.09.04** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li wara diskussjoni bejnu u s-Sindku Scott Camilleri, qablu li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni għal post ta' *Environmental Officer* biex ikun jista jigwida lill-Kunsill fuq materji li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u ipjannar fil-lokal. Din mhux ser tkun fuq bażi ta' impjieg imma toħroġ mill-ePPS. Il-Kunsilliera kollha prezenti qablu ma dan.

**57.09.05** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li kellu talba minn uħud mill-istaff, sabiex nixtru qliezet tal-uniformi għax-xitwa. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu.

**57.09.06** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar lil-Kunsilliera li l-ikla tal-Milied ser issir il-Ħadd 8 ta' Jannar u ser jiġi provdut trasport minn Birżebbuġa sa San Ġiljan u lura. Hu fakkar ukoll li l-Ġimgħa 23 ta' Diċembru ser jiġi organizzat riċeviment żgħir għall-ħaddiema u l-Kunsilliera.

## 57.10 Tender BLC/T/01/2022:
## *Evaluation report*: *Collection of Bulky Refuse and WEE using low emission vehicle*

**57.10.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li għat-*tender: Collection of Bulky Refuse* u l-*WEE using low emission vehicle*, infetaħ u ġew sottomessi 3 applikazzjonijiet. Dawn kienu:

- *Malta Recycle and Waste Collection Ltd* — *€24,405.36*
- *DDE Attard Ltd* — *€24,528.00*
- *Christopher Bezzina* — *€30,537.36*

Wara l-evalwazzjoni, ta' eleġibilità u r-rikwiżiti mitluba, fl-ewwel post ġie *Malta Recycle and Waste Collection Ltd*, fit-tieni post ġie *DDE Attard Ltd* u fit-tielet post ġie Christopher Bezzina. Is-Sindku Scott Camilleri spjega li l-proċess ta' evalwazzjoni jsir billi l-ewwel jiġi evalwat l-istadju tal-*compliance* u rikwiżiti u mbagħad jaqa' fuq l-istadju finanzjarju. Għaldaqstant, intgħazel il-*Malta Recycle and Waste Collection Ltd* għal prezz ta' €24,528.00. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet jekk kienux jafu il-persuni minn huma u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li huma jimxu fuq il-*compliance*, rikjesti u prezzijiet. Il-Kunsilliera preżenti kollha qablu ma dan.

**57.11 Tender BLC/T/02/2022:**
***Evaluation report*: *Provision of Professional Services of a Contracts Manager***

**57.11.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li għat-*tender: Provision of Professional Services of a Contracts Manager,* infetaħ u ġew sottomessi 4 applikazzjonijiet u li dawn l-ammonti huma fuq 4 snin. Dawn kienu:

- *Yama Yami Ltd* *€19,176.00*
- *Renergy Limited* *€24,000.00*
- *Ryan Portelli* *€25,000.00*
- *GCS Accounting Malta Limited* *€35,760.00*

Hawnhekk, is-Sindku Scott Camilleri propona li wara li ġew miftuħa dawn it-*tenders* u rajna l-prezzijiet u bl-ammont ta' xogħol li hawn fil-preżent, għandha tiġi ingaġġata persuna oħra fuq bażi ta' *part time* fi Skala 13 u li taħdem 30 siegħa fil-ġimgħa mit-Tnejn sas-Sibt. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li tkellem mar-Reġjun fejn dawn jistgħu jagħtu taħriġ lil din il-persuna. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat żied jgħid li l-persuna li tiġi ngaġġata trid tiġi mħarrġa sew għal dan ix-xogħol u wkoll li tista tkun t'għajnuna wkoll fix-xogħol ta' rutina ġewwa l-uffiċċju. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu sabiex jiġi ngaġġata din persuna fuq bażi *part-time* li tkun qed tieħu post il-*'Contracts Manager'* mqabbad mill-Kunsill b'sejħa għall-offerti fil-preżent. Se nibdew il-proċess fl-immedjat peress li t-*tender* huwa skadut.

**57.12 Tender BLC/T/03/2022:**
***Evaluation report*: *Supply and Installation of Playing Equipment & Street Furniture***

**57.12.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li għat-*tender: Supply and Installtion of Playing Equipment and Street Furniture*, infetaħ u ġiet sottomessa applikazzjoni waħda. Din kienet:

- *High Rock Ltd* *€201,143.12*

Is-Sindku Scott Camilleri żied jgħid li għalkemm l-ammont huwa ta' ftit aktar minn €200,000, il-Kunsill ser iħallas għal kull ħaġa li hemm fil-*financial bid*. Il-Kunsill iħallas biss għal dawk l-*items* li jagħmel użu minnhom u meta sar it-*tender* raw li l-prezzijiet huma raġenevoli mifruxa għall-erbgħa snin li ġejjin.

## 57.13 Tender BLC/T/04/2022
## *Evaluation report*: *Service of a low emission Tipper Van*

**57.13.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li għat-*tender: Service of a low emission Tipper Van*, infetaħ u ġew sottomessi 2 applikazzjonijiet. Dawn kienu:

- *Carmelo Fenech* *€69.00*
- *Luke Portelli* *€50.00*

Wara l-evalwazzjoni, eleġibilità u r-rikwiżiti mitluba, kien hemm *van* wieħed biss li kien kompatibli ma' dak mitlub fis-sejħa għall-offerti u għalkemm li prezz kien għola intgħażlet l-applikazzjoni ta' Carmelo Fenech għal prezz ta' €69 kull ġurnata peress li kellhu kollox kif mitlub.

## 57.14 Traffiku, Parkeġġ, Utilitajiet u Servizzi

**57.14.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet dwar it-tabella li twaħlet fi Triq Ramon Perellos. Is-Sindku Scott Camilleri qal li kien hemm talba mir-residenti biex il-vetturi ma jipparkjawx bis-silencer iħares lejn il-bini imma jħares lejn il-baħar. Il-Vici Sindku Josette Busuttil qalet din m'hix infurzata bil-liġi. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li jaf persuna li minħabba l-kondizzjoni ta' saħħitha, tkun aktar faċli għaliħ li jipparkja bis-silencer iħares lejn id-djar, u il-Vici Sindku Josette Busuttil ikkomfermat li li bil-liġi jista' jagħmilha u li din it-tabella sservi biss bħala rispett.

**57.14.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud tkelmet dwar ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni li qed isiru fi Triq il-Port Ħieles fejn mhux qed jinxtgħelu bid-dwal filgħaxija. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li hu ta' kuljum qed jitkellem mal-kuntrattur dwar dan d-dawl inkluż ukoll fil-*weekend. Dan* apparti li jmur hu personalment jiċċekja imma ħafna drabi l-kuntrattur ftit jagħti widen. Qal ukoll i għadu kif ġie infurmat li IM approvaw biss ix-xogħlijiet sa fejn ġie mgħoddi l-*cable* tal-Enemalta u fejn il-biċċa minn Triq San Patrizju sas-*substation* u minn Triq il-Ħaruf sa Triq Feliċjan mhux ser isiru. Hu żied jgħid li kien tkellem mal-Perit biex fi Triq il-Port Ħieles joħorġu l-bankina l-barra minħabba s-siġar u li jsir *storm water system* biex jinqabad l-ilma tax-xita u jgħaddi minn naħa oħra. Hu qal ukoll li għalkemm kienet ġiet aċċettata l-propostà li tgħaddi katusa li tiżbokka ħdejn is-*slipway* ta' Wied il-Buni, IM mhux lesta li tagħmilha u li jekk isir it-*tarmac*, dan jitnaqqas mil l-allokazzjoni tat-*tarmac* allokat għall-lokalità. Hu kompla jgħid li ser ikellem lis-Segretarju Permanenti biex jara kif nistgħu jirrangaw din is-sitwazzjoni fejn qed toħloq problemi kbar fejn ammont sostanzjali mill-ilma tax-xita qed jispiċċa fil-garaxxijiet tan-nies. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-aħjar tinkiteb ittra uffiċjali.

**57.14.03** Il-Vici Sindku Josette Busuttil qalet li ġiet avviċinata minn żewġ residenti individwali minn Triq San Pawl biex minflokk japplikaw għal *personalised parking*, issir *communal parking* biex ikunu jistgħu jużawha t-tnejn li huma. Hi talbet biex issir talba min-naħa tal-Kunsill u s-Sindku Scott Camilleri talaba tiprovdielu l-informazzjoni neċessarja.

**57.14.04** Il-Vici Sindku Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsillier Alex Caruana jekk fi Triq il-Port Ħieles hux ser issir xi *zebra crossing*. Is-Sindku Scott Camilleri u il-Kunsillier Alex Caruana qal li diġa hemm 3 approvati.

**57.14.05** Il-Vici Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar is-sinjali tas-Sqaq ta' Salvun u s-Sindku Scott Camilleri qal li qed isir ftehim bejn il-persuni nvoluti.

**57.14.06** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa kif baqgħu dwar il-*one way* ta' Triq Santa Maria u Triq San Ġorġ. Is-Sindku Scott Camilleri qal li hemm problema minħabba il-vija tal-garaxxijiet u hu u il-Kunsillier Alex Caruana qablu li din terġa tiġi diskussa.

**57.14.07** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-vetturi li jkunu telgħin minn ġewwa Birżebbuġa u jkunu ser iduru lejn Triq Herakles, fejn kellha titwesgħa biċċa minn Triq Għar Ħasan biex ma jeħilx it-traffiku. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar li waqt seduti preċidenti din il-problema qajmitha l-Kunsilliera Maria Mifsud, u kien ġie deċiż li jsiru *bollards* biex il-vetturi ma jidħlux lejn Triq Herakles imma jidħlu minn ħdejn il-*lights* ta' Għar Dalam. Alex Caruana kien qal però li jekk dan isir u jkun hemm inċident tat-traffiku biswit it-*traffic lights* toħloq konġessjoni tat-traffiku ġewwa l-Qajjenza kollha. Hu qed jipproponi li minn Triq Herakles ikun hemm dħul biss għal Triq Arturu Issel u Triq Il-Ħajja Ewlenija u l-ħruġ minn Triq il-Maqdes. Is-Sindku Scott Camilleri talab lil-Kunsillier Alex Caruana biex ikellem lil-Perit ħalli jara kif l-aħjar li jsir.

**57.14.08** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li mmarka il-pjanti kollha tat-toroq ta' Bengħajsa u mmarku r-*road humps* li kienu ġew mitluba u fejn issuġġerixxa li japplikaw għalihom kollha u wara jaraw liema minnhom l-aħjar li jsiru. Huma mmarka ukoll iktar *road humps* fi Triq tal-Ġebel kif ukoll fi Triq Ħas Saptan. Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet meta ser isiru r-*road humps* li hemm pendenti u l-Kunsillier Alex Caruana qal li sa dalgħodu reġgħa staqsa lid-Dimbros u dan qallu li tal-inqas irid ġimgħatejn oħra biex jiġi jagħmilhom. Għalhekk issuġġerixxa li nagħtu ġimgħatejn ċans lid-Dimbros u jekk ma jagħmilhomx inqabdu kuntrattur ieħor. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat biex jiċċekja l-kuntratt biex jara jekk hux qed jonqos milli jipprovdi s-servizz kuntrattwali u jekk hu hekk, aħna għandna dritt illi nfitxu kuntrattur ieħor.

**57.14.09** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li kien mingħaliħ li kien hemm permess għal tlett *pelican crossings* fi Triq Żarenu Dalli u għaddew il-pajpijiet tad-dawl għalihom. Però meta hu ċċekja mal-Assistent Prinċipal, din qaltlu li ma kienx hemm permessi għall-*pelican crossings* u għamillha pjanta biex napplikaw għal-permessi.

**57.14.10** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar dik is-*central strip* li hemm faċċata tal-*Convenience Shop* ġewwa San Ġorġ, fejn min ikun ġej minn Triq Birżebbuġa, u jasal mar-*roundabout* ma jarax il-vetturi li jkun qed dduru mar-*roundabout*. Hu qal li tkellem ma' TM fejn qalulu biex jitneħħa l-*parkingb*ay ta' barra u minflok jagħmlu 2 *parking bays* tal-muturi imma TM m'aċċettawx. Is-Sindku Scott Camilleri qal li ma jara xejn ħażin li jsiru żewġ parkeġġi għall-muturi.

**57.14.11** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar Triq Żarenu Dalli ħdejn il-*Maypole* u issuġġerixxa li jsiru *bollards* minn mal-bankina ta' faċċata tal-*Maypole* lejn ir-*roundabout* u jsir *stop sign* fit-tarf tal-*bollards* u mera mar-*roundabout*. Hu tkellem mas-Sur Andrew

Haig minn Transport Malta u qablu ma' din il-proposta. Il-Kunsill qabel li tintbgħat lill-Transport Malta.

**57.14.12** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar Triq San Ġwann fejn ir-residenti ta' Triq il-Kartaġinizi xtaqu li f'din it-triq id-dħul ikun biss minn Triq San Ġwann. Hu ssuġġerixxa li Triq San Franġisku Saverju tiġi hi *one way* sa Triq Alessandru. Is-Sindku Scott Camilleri qal li fi Triq il-Kartaġinizi hemm problema fejn hemm nofs il-garaxxijiet iħarsu naħa u n-nofs l-ieħor iħarsu n-naħa l-oħra. Il-Kunsillier Alex Caruana qallu li ser imur fuq il-post u jara ftit is-sitwazzjoni.

**57.14.13** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-problema ta' Triq Mikiel Abela u ssuġġerixxa li jekk id-direzzjoni ta' din it-triq issir bil-kontra, u Wesgħa Ramon Perellos tiġi *two way*, il-problema tissolva. Is-Sindku Scott Camilleri talab lil-Kunsillier Alex Caruana biex jitlob lill-uffiċċju jibgħatu lil Transport Malta.

**57.14.14** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar talba ta' bozza ġdida fi Triq it-Tankijiet ma' arblu li hu temporanju. Is-Sindku Scott Camilleri qallu biex jiċċekja min bagħat din it-talba u jekk kienx hemm xi bozza qabel twaħħal dan l-arblu.

**57.14.15** Is-Sindku Scott Camilleri propona li titwaħħal bozza fejn is-*Sailing Club* minħabba li jkun hemm ħafna manuvri għaddejin matul il-lejl.

**57.14.16** Il-Kunsillier Alex Caruana avża rigward dawk iż-żewġ fanali fil-Qajjenza, wieħed minnhom twaħħal u l-ieħor ir-residenta li ser jitwaħħal il-fanal mad-dar tagħha, aċċettat imma bil-patt li jkun fanal dekorattiv.

**57.14.17** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-fanal li hemm bejn l-*Alfresco Restaurant* u ix-Xatt ta' San Ġorġ, fejn issuġġerixxa li jinbidel. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li dan il-fanal hu storiku u jista' jinqala, u hu jiehu hsieb ix-xoghol tar-restawr u jerġa jitwaħħal.

**57.14.18** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li kellu talba għal żewġ bozzoz ġewwa Bengħajsa fi Triq Bengħajsa.

**57.14.19** Il-Kunsillier Joseph Farrugia qal li kellu ilment dwar *culvert* iħabbat fi Triq Żarenu Dalli. Il-Kunsillier Alex Caruana irrisponda li kien diġa irraporta dan l-*culvert* u ser jerġa jitkellem fuqu għax inħallu l-viti.

**57.14.20** Il-Kunsilliera Maria Mifsud irrimarkat dwar *culverts* miżdudin fi Triq Żarenu Dalli fejn tal-laħam. Il-Kunsillier Alex Caruana, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat u s-Sindku Scott Camilleri rrispondew li talbu biex il-*culverts* jiġu mnaddfa.

**57.14.21** Il-Kunsilliera Maria Mifsud irrimarkat li meta għamlet ix-xita, Triq Birżebbuġa n-naħa ta' San Ġorġ u Triq in-Noqra kienu merqa bl-ilma bil-ħamrija. Is-Sindku Scott Camilleri qal li kif ser ikun hemm laqgħa mal-Ministru Onor. Miriam Dalli u din il-problema ħa jerġa jitkellima.

## 57.15 Proġetti u Skemi

**57.15.01** Ma kien hemm l-ebda proġetti u/jew skemi għad-diskussjoni.

## 57.16 Saħħa, Indafa u Ambjent

**57.16.01** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-qtugħ tal-ħaxix fl-isqaq tal-Madonna ta' Lourdes ħdejn Triq Għar Dalam, fejn kien hemm persuna li tieħu ħsieb taqta' l-ħaxix u ġiet imwaqqfa. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li hu waqfu minħabba li kien qed jgħid li l-ħaxix kien qed jinqata' kull xahrejn u jibgħat kont lill-Kunsill. Ġie deċiż li l-ħaxix jinqata' kull erba' xhur hekk kif ippropona l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**57.16.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud tkellmet dwar il-knis li qed isir mil-*Cleansing* fejn issuġġeriet li l-knis fil-lokalità għanda tinqasam fi tnejn fejn ikun hemm grupp li jieħu ħsieb naħa u l-ieħor in-naħa l-oħra biex ma jkunx hemm toroq li jinqabżu. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li irimarkawla fuq tlett toroq f'Tal-Papa li qed jinqabżu. Dawn huma Triq Monsinjur Spir Penza, Triq 22 ta' Frar u Triq Rikardu Fenech.

**57.16.03** Il-Kunsillier Alex Caruana ġie avviċċinat minn xi residenti li joqodu fi Triq San Filippu fejn intalab biex f'dak il-ġnien li hemm viċin Triq il-Kummerċ, jsir pet *fencing* għax qed immorru bil-klieb u jħammġu taħt is-siġar. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan.

**57.16.04** Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li ġiet avviċċinata mill-*Freeport* li ser jagħmlu attività flimkien mal-Iskola ta' Birżebbuġa għal-attività tal-*European Week for Waste Reduction* biex nagħmlulhom avviż biex jinġabru ħwejjeġ f'kundizzjoni tajba biex jagħmlu xi *crafts* bihom u li jqajjmu *awareness* ta' riċiklaġġ tal-ħwejjeġ. Dawn il-ħwejjeġ mbgħad jintbagħtu l-Ukraina. Hi talbet biex jinxtraw żewġ siġriet taż-żebbuġ biex jitħawwlu waqt l-attività li ser issir fil-21 ta' Novembru u wara ser jagħmlu *clean up* fi Triq il-Port Ħieles in-naħa tal-*ground* tal-*football*.

**57.16.05** Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li ġiet avviċċinata minn anzjani tal-*housing estate* u talbuha biex jitwaħħal bank fuq in-naħa ta' Triq San Ġwann. Is-Sindku Scott Camilleri u il-Kunsillier Alex Caruana issuġġerew li meta jkunu ser jinqalgħu l-bankijiet tal-Ġnien f'Tal-Papa, jitwaħlu hemm. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil, fil-passat kienet talbet għal xi bankijiet ħdejn Ferretti u talbet biex uħud minnhom jitwaħħu hemm.

**57.16.06** Il-Kunsilliera Maria Mifsud talbet biex jsiru kaxxi tal-ġrieden fl-*area* tal-Qajjenza speċjalment fi Triq Herakles, Triq il-Ħajja Ewlenija u Triq il-Maqdes. Is-Sindku Scott Camilleri qal li hemm bżonn li jinxtraw 100 kaxxa oħra minnhom.

**57.16.07** Il-Kunsilliera Maria Mifsud fakkret li żewġ seduti qabel talbet biex jinxtraw żewġ *pots* bis-siġar taż-żebbuġ għal pjazza ta' Bengħajsa.

**57.17 Attivitajiet**

**57.17.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar l-attività' ta' *Milied fil-Pjazza* fejn qal li saru laqgħat mal-każini tal-Baned u l-Parroċċa fejn ġew diskussi mill-għad finanzjarju ta' kif ser jitqasmu l-fondi ta' €29,000 li l-Kunsill applika għalihom. Hu żied jgħid li ser jiżdiedu aktar fondi fl-armar fejn ser tiżdied l-attrazzjonijiet fil-Bajja s-Sabiħa, il-Qajjenza u San Ġorġ u ser jinbidlu l-ventijiet tad-dawl fi Triq Żarenu Dalli.

**57.17.02** Il-Vici Sindku Josette Busuttil tkellmet dwar il-*Milied fil-Pjazza* li se tkun imqassama fuq tlett ijiem fit-2, 3 u 4 ta' Diċembru. Ser ikun hemm il-*Christmas markets* u l-Ħadd 4 ta' Diċembru, ser ikun hemm ukoll il-*Concerto Di Natale* u wara l-kunċert ikun hemm *projection* bil-filmat.

**57.17.03** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar l-attivitajiet li ser ikun hemm. Dawn huma *Milied fil-Pjazza*, il-ftuħ tal-*WW2 Transmission Station bunker* u l-inawgurazzjoni tad-dawl il-ġdid tal-Pjazza tal-Kunċizzjoni f'Bengħajsa.

**57.18 Kultura, Żgħażagħ u Sport**

**57.18. 01** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li ser ikun hemm l-attività tat-*Tough Mudder* fi tmiem il-ġimgħa d-dieħla u l-*Fun Run* tal-President.

**57.19 Affarijiet oħra**

**57.19. 01** Il-Kunsillier Alex Caruana rrimarka dwar l-ATM tal-bank HSBC, fejn qal li ħafna drabi qed tkun bla flus jew ma tħallikx tiddepożita l-flus u fl-*iscreen* kwazi ma jidher xejn. Is-Sindku Scott Camilleri qal li din il-problema ser jitkellima fil-laqgħa ġenerali tal-AKL.

**57.19. 02** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat staqsa kif ser nibqgħu ma' Pingtan. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li jekk ser jibqgħu jsostnu fuq dik il-biċċa art li għada mhux devoluta lil-Kunsill, hu ma jaqbilx.

**57.20 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**57.20.01** Is-Seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:30h wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 6 ta' Diċembru, 2022, fil-17:30h.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |